# Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum – Mejju 2004

# RELIĠJON

# IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI

L-iskop u l-għan prinċipali ta' din il-karta ta' l-Eżami kien li joħroġ ċar dak li l-istudenti jkunu fehmu, tgħallmu u jafu japplikaw għall-ħajja ta' kuljum dak li tgħallmu fl-iskola skond is-sillabu tagħhom.

Il-karta ta' l-eżami kienet mibnija fuq is-sillabu kollu tas-sitt sena tal-Primarja. Kienet karta qrib l-istudenti fil-kontenut u l-preżentazzjoni tagħha.

## A. Epifanija tal-Mulej: Imla l-vojt.

Dan l-eżerċizzju ried iwassal l-istudenti jagħrfu li Ġesù hu d-dawl tad-dinja u ġie biex isalva lill-bnedmin kollha.

Kważi l-parti l-kbira ta' l-istudenti ħadmu tajjeb ħafna dan l-eżerċizzju. Saru ftit żbalji għax xi studenti għandhom l-idea li Ġesù ġie għall-Insara biss u mhux għall-bnedmin kollha. Diffikultà oħra li sabu l-istudenti kienet li meta tintuża xi tixbiha (Eż: merħla flok familja) hemm xi studenti li mill-ewwel isibu xi diffikultà.

## B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar il-festa ta' l-Għid.

Hawn jidher ċar li l-istudenti għandhom idea ċara dwar xi tfisser il-festa ta' l-Għid. Huma jifhmu l-importanza tagħha għall-fidi tagħhom u jafu jgħaqqduha ma' Sibt il-Għid.

Meta staqsejniehom mistoqsijiet ta' tagħrif ġenerali dwar din il-festa xi studenti ħawdu fit-tweġibiet tagħhom. Żball komuni f'ħafna tweġibiet kien li kienet Eliżabetta li sabet il-qabar vojt. Oħrajn fixklu lil Marija ta' Magdala mal-Madonna. Fin-Nru. (6) ħawdu lil Pietru u lil Ġuda ma' San Tumas.

## Ċ. Qabbel dawn is-sentenzi dwar il-Quddiesa.

Dan l-eżerċizzju, mibni fuq kemm jafu fuq il-quddiesa, wera li t-tfal f'din l-età għadhom imorru l-quddies u jafu x'ikun qed jiġri waqt il-quddiesa.

Xi kummenti dwar dan l-eżerċizzju huma li xi studenti: a) ma jafux li l-vanġelu huwa t-tielet qari, u b) ma jafux il-kelma 'messal'.

## D. Ikteb żewġ sentenzi dwar x'jiġri fiċ-ċelebrazzjoni ta' kull wieħed minn dawn is-Sagramenti.

Ħafna tfal sabu dan l-eżerċizzju tqil ħafna. Waqt li kienu kapaċi jfissru s-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma ta' l-Isqof, huma ma kinux kapaċi jispjegaw sew l-Ewkaristija. Xi wħud spjegaw biss fuq il-Preċett.

Meta wieġbu fuq il-Qrar ħafna kandidati taw nofs tweġiba, u fuq is-sagrament ta' l-Ordni Sagri il-maġġoranza tat-tfal irrispondew ħażin. Ħawdu dan is-sagrament ma' dak tal-Griżma tal-Morda u mas-Sagrament taż-Żwieġ. Numru kbir ta' studenti qalu li hu s-sagrament li jirċievu s-sorijiet. Esprimew ukoll ħafna ideat bħallikieku huwa s-Sagrament ta' dawk li jqarbnu.

## E. Aqra din l-istorja li kiteb Mark

Kull meta jingħata eżerċizzju ta' applikazzjoni bħal ma hu dan, l-istudenti juru entużjażmu kbir u l-maġġuranza jġibu riżultat tajjeb ħafna.
L-istudenti jafu x'inhu t-tagħlim ta' Ġesù, u fejn iħossu dan it-tagħlim tqil biex iwettquh huma jagħtu tweġibiet mhux mistennija. Meta f'mistosija (5) staqsejniehom x'tistenna għall-ġid li tagħmel, ħafna stennew li jirċievu xi ħaġa tal-ġid li għamlu. Ir-rigal tal-ġenna jarawh 'il bogħod wisq.
Meta jingħata eżerċizzju bħal dan hemm xi studenti li fit-tweġibiet tagħhom jibqgħu fil-ġenerali u jirrispondu billi jgħidu li se jgħinu lil xi ħadd mingħajr ma jispeċifikaw kif.

## F. Ikteb għaxar sentenzi dwar il-Miġja ta' San Pawl. Uża l-kliem li hemm fil-kaxex.

L-għajnuna li ngħatat permezz tal-kliem u ta' l-istampi wasslet lill-istudenti biex jiktbu għaxar sentenzi li bihom jiffurmaw storja ċkejkna dwar il-Miġja ta' San Pawl f'Malta. Din is-sena t-tfal ma tkellmux biss fuq il-lifgħa imma żiedu affarijiet oħra u għalhekk ħolqu stejjer sbieħ fuq San Pawl. Iżda irridu ngħidu li fit-tweġibiet ħarġu xi difetti komuni, ngħidu aħna li f'Malta diġà kien hawn l-fidi Nisranija meta ġie San Pawl. Ħafna studenti jimmissjaw l-ordni kronoloġiku ta' x'ġara qabel u x'ġara wara, u jidħlu f'dettalji mhux importanti filwaqt li jħallu barra dettalji oħra sinifikattivi (l-istorja ta' Publiju).

## Ġ. Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. Ġesù jmut fuq is-salib.

Għalkemm it-tfal huma midħla sewwa ta' din l-istorja u jgħixu esperjenza qawwija fil-Ġimgħa l-Kbira, ħafna kienu dawk li ma tawx risposta diretta għan-numru (7) meta nfakkru din il-festa. Ħafna sabu diffikultà jirrispondu għaliex Ġesù tana lil ommu Marija. Dan juri li huma ħafna dawk li ma qrawx it-test mogħti lilhom. Kienu ħafna dawk li flok ma rrispondew mistoqsija numru (2) huma qalu li Ġesù ħafer u ħallew barra x'għallimna Ġesù. L-istudenti ħawdu l-aktar f'mistoqsija numru (8). Huma ma għamlux differenza bejn il-festa tas-Sibt tal-Lhud u l-festa ta' l-Għid ta' Ġesù.

## G. Ikteb sentenza ħdejn kull waħda minnhom biex turi x'għandhom jagħmlu dawn it-tfal biex juru li huma nsara tajba.

Kull darba li jingħataw eżerċizzi ta' applikazzjoni, kważi l-istudenti kollha jmorru tajjeb ħafna, anke dawk li ma jafux jiktbu. L-istudenti li huma dgħajfin fil-qari, f'eżerċizzi ta' dan it-tip, ħafna drabi jagħtu l-istess tweġiba għal kull eżerċizzju. Quddiem mistoqsija ftit itqal, issib ammont ta' tfal li ħafna drabi jirrispondu b'mod negattiv:
"Quddiem min qed jagħmel xi ħaġa ħażina, nugzah".
Oħrajn jirrispondu b'mod posittiv, iżda dejjem bl-istess mod:
"nitlob għalih, ngħinu".
Għalkemm huma tweġibiet ripetuti, tieħu pjaċir tara li t-tfal tagħna għandhom ċerti valuri u għadhom jemmnu fit-talb u fl-għajnuna ta' l-oħrajn.

## GĦ. Ikteb ħames talbiet biex jintużaw waqt it-talbiet tal-Fidili fil-Quddiesa ta' l-iskola.

Dan huwa t-tieni eżerċizzju li l-istudenti sabu diffiċli u li fih tilfu ħafna marki.
Għalkemm it-tfal huma mdorrijin jagħmlu t-talb fl-Iskola tagħhom, minn dan l-eżerċizzju ħareġ il-faqar u l-biżgħat kollha li jgħaddu minnhom l-istudenti tagħna.

In-nuqqas ta' kapaċità li jiktbu talba għall-bżonnijiet ta' l-oħrajn, għandu jwassalna għall-konklużjoni li il-metodi ta' tagħlim li nużaw mhux dejjem jilħqu l-għanijiet tagħhom. Min-naħa l-oħra mit-tweġibiet ta' l-istudenti ħarġet il-biża' li t-tfal qed jgħixu biha. Ħafna talbu biex Malta ma jkunx hawn gwerra u l-anqas ġlied fil-familji l-aktar bejn il-ġenituri. Fejn it-talba li kellhom jagħmlu kellha żewġ intenzjonijiet (għalliema u ħbieb, għalina u l-familji tagħna) il-maġġoranza ta' l-studenti injuraw parti mit-talba u ma weġbux għaliha.
It-talba għall-mejtin ħolqot diffikulta' kbira fl-istudenti u t-talba li għamlu kienet biex il-mejtin jitolbu għalihom.

## H. Ikteb it-talba tal-Missierna.

It-tfal kollha jafu sew din it-talba. Xi studenti wrew xi diffikultà fuq jekk jafux xi tfisser xi parti mill-Missierna: a) 'Ħobżna ta' kuljum' (tkellmu fuq ġurnata tajba) b) 'Ikun li trid Int' ċ) 'lil min hu ħati għalina' ("ħati" fehmu dawk li jagħmlulna l-ġid).
Fit-tweġibiet li ngħataw għal mistoqsija numru (2) reġgħu ħarġu l-biżgħat li għandhom it-tfal: a) li l-ġenituri jistgħu jisseparaw b) li ma jgħaddux mill-eżami tal-Junior Lyceum u jaqilgħu xebgħa ċ) li jkunu vittma ta' bullying minn tfal oħra.

## Noti ġenerali

Nafu li l-istudenti għadhom f'fażi meta r-Reliġjon għandha importanza kbira għalihom u għalhekk jinteressaw ruħhom fiha. Sewwa li l-edukaturi joqogħdu attenti li ma jgħabbux lit-tfal bil-problemi tagħhom infushom.

1) Il-biża' tagħna li naffrontaw ċerti problemi bħal ma huma l-ġlied fil-familji, il-bullying fl-iskola, it-tensjoni ta' l-eżami tal-Junior Lyceum u l-mewt ta' xi ħadd għażiż, ma għandux iwassal lit-tfal fl-inkapaċità li jirrispondu mistoqsijiet sempliċi fl-eżami. L-anqas m'għandu jwassalhom għal ideat żbaljati ta' x'inhi r-Reliġjon.

2) Difett ieħor li joħroġ fit-tagħlim tagħna huwa li kull tant nagħtu importanza lil xi affarijiet żgħar u nitilfu l-kuntest prinċipali. Nirrakkuntaw stejjer moderni biex nispjegaw aħjar u ma nagħtux importanza biżżejjed lill-kelma ta' Ġesù. Dan iwassal biex fil-karta ta' l-eżami l-istudenti jagħtu tweġibiet li mhumiex skond il-Vanġelu.

3) L-għan tat-tagħlim tar-Reliġjon għandu jkun li nressqu lil Ġesù lejn it-tfal ħalli Huwa jsir parti minn ħajjithom.